FOLKLOR

# IL-KUNĊIZZJONI STILLA

F'dan iċ-ċentinarju, għeluq it-tlett mitt sena meta Santa Marija tal-Qala, flimkien ma' Santa Margerita ta' Sannat, Sant'Anton tal-Qaċċa u Santa Marija tal-Virtù fiż-Żebbuġ, saret parroċċa, xtaqt nikteb dwar aspett folkloristiku tal-Kunċizzjoni li llum qajla qajla qed jintesa. Dan hu l-għidut fost il-Qalin li l-Kunċizzjoni hi stilla tal-maltemp. Fil-Qala jħobbu jgħidu li "Jekk toħroġ is-seftura (Santa Katerina) toħroġ is-sinjura (il-Kunċizzjoni). Anzi hawn ir-Rabat, kif ukoll sajjieda mix-Xlendi u x-Xlukkajri jgħidu li l-Kunċizzjoni hi l-ewwel stilla tal-maltemp.

Xi tkun stilla? Patri Manwel Magri S.J., fil-ktieb "X'Jgħid il-Malti", maħruġ min A.M. Galea fl-1925 jgħidilna li "ġranet ta' xita' qawwija ngħidulhom stilli, bħallikieku S. Mikiel stilla, Santa Katerina stilla u oħrajn bħalhom" (p.166). Dan juri li f'ċerti ġranet iddedikati lil qaddisin li dari l-festa tagħhom kienet ikkmandata u għalhekk magħrufa sew mill-poplu, kienet mistennija tagħmel xita qawwija. Il-folklorista Magri li kiteb fis-serje tal-Mogħdija taż-Żmien bejn l-1899 u l-1907, isemmi tnejn biss minn dawn l-istilel, jiġifieri San Mikiel u Santa Katerina, imma jgħid li hemm oħrajn.

Liema huma l-istilel l-oħra? Il-professur Thomas Agius, M.A., M.D., fil-Kitba tiegħu fuq il-Klima ta' Malta fil-ktieb "Malta and Gibraltar" li ħareġ fl-1915 jgħidilna li "fil-Kampanja hemm twemmin qadim fost il-poplu li fix-xhur ta' Settembru, Ottubru, Novembru u Diċembru hemm ċarti ġranet fissi li fihom mistenni jagħmel il-maltemp. Dawn il-ġranet huma marbuta ma' seba' festi ta' qaddisin verġni u kull waħda tissejjaħ stilla". Dawn il-festi huma:

1. Santa Roża ta' Viterbo fid-9 ta' Settembru;
2. Sta. Tereża ta' Ġesù fil-15 ta' Ottubru;
3. Sant'Orsla fil-21 ta' Ottubru;
4. Santa Cecilja fit-22 ta' Novembru;
5. Santa Katerina fil-25 ta' Novembru;
6. Santa Barbara fl-4 ta' Diċembru; u
7. Santa Lucija fit-13 ta' Diċembru.

Il-Prof. Agius iżid li barra dawn is-seba' stilel hemm oħrajn li l-poplu ukoll kien jorbot mal-maltemp u għalhekk iqishom stilel.

Dawn huma:

1. San Mikiel Arkanġlu fid-29 ta' Settembru;
2. Il-Madonna tal-Pilar fl-10 ta' Ottubru; u
3. San Rafel Arkanġlu fid-29 ta' Ottubru.

Għalhekk il-Professur Agius jgħidilna li barra xita qawwija kif semma l-Patri Magri, fil-ġranet imsejħa Stilla wieħed kien jistenna ukoll il-maltemp.



Ninnotaw ukoll li l-istilel huma proprjament marbutin ma' festi ta' seba' Verġni, ħamsa minnhom martri. Imma il-Prof. Agius iżid li hemm ġranet oħra barra dawn is-seba' li huma wkoll stilel. Waħda minn dawn għandha rabta mal-Belt: il-Madonna tal-Pilar. Ninnotaw, fl-aħħarnett, li l-Prof. Agius ma jsemmix il-Kunċizzjoni fost dawn l-istilel u l-festi kollha li jsemmi, barra Santa Lucija, jiġu qabel il-Kunċizzjoni. Dan għax, kif qal hu, it-twemmin ta' l-istilel hu marbut max-xhur tal-ħarifa.

Imma dan mhux korrett għal kollox għax skont il-

proverbju li ġabar patri Magri l-istilel, jiġifieri, skond hu, il-ġranet ta' xita', qawwija, jispiċċaw mal-Gandlora li taħbat fit-2 ta' Frar. Il-proverbju (Nru.166. p.166.op.cit.) jgħid:

Għall-Gandlora stilli fora,
iż-żunżana tagħmel żinn
u t-temp imur 'l hinn.
Issa ġej id-dawl u t-tjieb.

Barra dan il-proverbju, il-Patri Magri jsemmi ieħor:

Il-Gandlora stilla vora
L-ajru jtella' u jerġa' jċora.

Proverbju li jingħad San Lawrenz ikompli jsaħħah dawn it-tnejn:

Wara l-Gandlora x-xita tvora.

Mhux kulħadd jaqbel li l-istilel tal-maltemp jispiċċaw mal-Gandlora. Sajjied xiħ mix-Xewkija jgħid li, barra l-Kunċizzjoni jismagħhom isemmu lil San Girgor li dari kien jaħbat nhar it-tnax ta' Marzu u l-Lunzjata li tiġi fil-25 ta' l-istess xahar.

Jien naħseb li filwaqt li fil-bidu n-numru ta' stilel kien aktarx sebgħa u marbut mal-festi tas-seba' qaddisin verġni fost il-poplu kien hawn diversi opinjonijiet rigward l-istilel. Kemm in-numru tagħhom u kemm il-ġurnata, kienu jvarjaw skont il-post. Hekk għas-Siġġiwin San Nikola hu stilla. San Nikola jaħbat fis-6 ta' Diċembru, jumejn fuq Santa Barbara u jumejn qabel il-Kunċizzjoni.

Hekk ukoll il-Kunċizzjoni baqgħet tissemma bħala stilla tal-maltemp kemm fil-Qala u kemm ir-Rabat fejn issir il-festa tagħha. Huwa diffiċli ssib lil min isemmi l-Madonna tal-Pilar bħala stilla il barra mill-Belt billi d-devozzjoni tagħha hi marbuta mal-Knisja tagħha l-Belt fejn daħħluha l-Kavalieri t'Aragona minn pajjiżhom.

Mhux is-sena biss il-Vitorja tertqet qalb in-nies ta' pajjiżi, ix-Xagħrin. Kull min għandu ż-żmien jew sama' x-xjuħ jitħaddtu, tisma' li ġew snin li għamlet ix-xita nhar il-Vitorja. Difatti proverbju li jingħad San Lawrenz ifakkar li f'tal-Vitorja taqleb l-orja. Għalhekk jien smajt hawn ir-Rabat, lil min jgħid li l-Vitorja hi l-ewwel stilla tal-maltemp. Din tiġi ġurnata qabel il-festa ta' Santa Roża ta' Viterbo l-ewwel stilla li jsemmi l-Prof. Agius. Ma għandniex xi ngħidu, jum il-Vitorja jaf bih kulħadd, filwaqt li ma nafx min jaf bil-jum ta' Santa Roża ta' Viterbo.

Wieħed jikkonkludi li dari l-poplu kien jorbot ċerti festi ta' qaddisin magħrufa kemm minn kulħadd u kemm lokalment ma' xita u maltemp. Mhux bilfors ġurnata ta' xita tkun ġurnata ta' maltemp u viċi versa. Għalhekk kittieb jorbot l-istilel max-xita u ieħor mal-maltemp. Nagħlaq billi nagħti lista tal-ġranet magħrufa bħala stilla skond il-Kalendarju l-qadim li sirt naf bihom s'issa:

| JUM | FESTA |
|---|---|
| 1. It-8 ta' Settembru | Il-Vitorja. |
| 2. Id-9 ta' Settembru | Santa Roża ta' Viterbo. V. |
| 3. Id-29 ta' Settembru | San Mikiel Arkanġlu. |
| 4. L-10 ta' Ottubru | Il-Madonna tal-Pilar. |
| 5. Il-15 ta' Ottubru | Santa Tereża ta' Avila. V. |
| 6. Il-21 ta' Ottubru | Sant'Orsla. V. u M. |
| 7. L-24 ta' Ottubru | San Rafel Arkanġlu. |
| 8. It-22 ta' Novembru | Santa Ċecilja V. u M. |
| 9. Il-25 ta' Novembru | Santa Katerina V. u M. |
| 10. L-4 ta' Diċembru | Santa Barbara V. u M. |
| 11. Is-6 ta' Diċembru | San Nikola ta' Bari. |
| 12. It-8 ta' Diċembru | Il-Kunċizzjoni. |
| 13. It-13 ta' Diċembru | Santa Lucija V. u M. |
| 14. It-12 ta' Marzu | San Girgor Papa. |
| 15. Il-25 ta' Marzu | Il-Lunzjata. |

*Victor J. Galea*

RAINDROPS Tel. 554114 — 551254
Pet & Garden Centre

*The Ideal Place to find all pet and garden requisites including:*

- **A large selection of pesticides, herbicides and fertilizers;**
- **A range of sprayers from 1 to 16 litres including motorised ones;**
- **Artificial or fresh flower arrangements for any occasion;**
- **Seeds, bulbs and fruit trees;** • **Indoor and exotic outdoor plants;**
- **Pots and decorative pot covers;** • **Pets including pure breed rabbits;**
- **Pet foods.**

— FREE EXPERT ADVICE ON PLANT DISEASES —